# IR-RABJA

“Klassi, jekk jghogobkom poggu l-lapsijiet fuq il-mejda.” L-Arkanglu Barakjiel, l-ghalliem ta’ l-Akkademja ta’ l-Angli, tefa’ harstu ‘l barra mit-tieqa. Id-dehra tieghu kienet tassew ta’ dieqa. L-istudenti angli obdew u poggew il-lapsijiet taghhom fuq il-mejda.

“Il-lum  ser niddiskutu sfida li xi whud minnkom ser ikollkom thabbtu wicckom maghha meta tkunu fdati bir-responsabilita’ ta’ kustodji. Fost il-kmandamenti li Alla ta lil Mose hemm miktub “La toqtolx.”

“U x’jigifieri dan: La toqtolx?”, staqsa wiehed mill-angli zaghzagh student.

U l-ghalliem Barakjiel wiegbu: “ La toqtolx jigifieri tnehhix il-hajja ta’ haddiehor.”

L-anglu kompla staqsa: “ Trid tfisser li johdulhom il-hajja intenzjonalment, jigifieri ikunu jafu  li qed joqtluhom? Il-bnedmin jistghu jaghmlu dan ukoll?”

“Iva, jistghu jaghmlu dan,” kompla Barakjiel bil-vuci tieghu baxxa. “ Il-lum ser nghinkom biex twaqqfu lill-bniedem taht il-harsien taghkom milli jaghmel azzjoni bhal din, li jnehhi hajjet haddiehor.”

L-ghalliem resaq lejn l-iskrivanija tieghu u qabad ktieb mill-hafna li kien hemm fuq il-mejda. Kienet il-Bibbja, il-Kelma ta' Alla. Fetahha fejn kien hemm il-priedka li l-Iben ta' Alla, Gesu' ghamel fuq il-muntanja. U qara hekk: "Smajtu x'intqal lilkom fiz-zminijiet l-imghoddija, La toqtolx u kull min joqtol ikun gudikat. Imma jiena nghidilkom li jekk xi hadd minnkom ikun irrabja ghal huh jew ohtu ikun jisthoqqlu li jkun iggudikat u jekk tinsulta lil huk jew lil ohtok ikun jisthoqqlok li tidher quddiem il-laqgha tal-haqq u jekk lil huk tghidlu iblah ikun jisthoqqlok il-kastig ta' l-infern."

"Whoa!" esklama anglu iehor li kien bilqieghda fuq quddiem net. "Mela l-insult li bniedem jista' jaghmel lil iehor huwa estensjoni ta' dan il-kmandament li ma toqtolx?"



"Iva," qallu Barakjiel, " Intom trid tharsu lill-bnedmin kontra l-emozzjoni tar-rabja."

"Imma kif?" staqsa anglu iehor.

Barakjiel ried jaghtihom ezempju biex jifmhuh sew. Qabad kontenitur u mlieh sax-xfar bl-ilma. "Issa, gheziez studenti, dan il-kontenitur bl-ilma

jirraprezenta r-rabja fil-qlub tal-bnedmin. Jekk jiena nixghel in-nar tahtu x'jigri?"

U l-anglu li staqsieh wiegbu: " L-ilma ibaqbaq u johrog 'l barra mill-kontenitur."

"Korrett. Halli nurikom dan." U l-ghalliem xeghel in-nar u uriehom l-ilma jbaqbaq u jfur mal-gnub tal-kontenitur.

"Meta l-bnedmin jirrabjaw, jixbhu hafna lil dan l-esperiment. U bnedmin li jfuru malajr bir-rabja hawn hafna u kemm tridu. Bnedmin bhal dawn malajr jistghu jkunu ta' hsara u hsara kbira ghal ohrajn."

Barakjiel kellu min jistaqsih ghal darb'ohra. "U kif dawn in-nies iberdu l-korla taghhom?"

"Bhalma l-ilma jaghli jiehu z-zmien biex jibred, hekk ukoll ir-rabja tiehu z-zmien biex tikkalma. Il-bnedmin spiss jmorru dawra biex jibirdu mill-korla. B'hekk la huma ma jidhlu fit-tigrib u anqas jaghmlu hsara lil haddiehor," qalilhom l-ghalliem.

"Jista xi hadd li ahna inkunu kustodju tieghu jghinhom?" staqsa anglu iehor.

"Punt tajjeb hafna. Iva bnedmin ohrajn jistghu jghinu biex min ikun irrabjat itaffi l-korla kontra l-proxxmu tieghu billi jitkellmu mieghu. Hafna jibirdu mill-korla meta jafu li hemm xi hadd jismaghhom," wiegeb l-ghalliem.

"U anglu iehor qal: " Jista' Alla jghin f'dan ir-rigward?"

“Xi hadd x’qal Gesu’ fuq is-Salib ghal dawk li sallbuh?” staqsa Barkjiel.

Anglu iehor intelligenti, bin-nuccali fuq imniehru, li kien fuq quddiem net wiegeb: “ Ahfrilhom ghax ma jafux x’inhuma jaghmlu.”

“Ezatt,” wiegeb Barakjiel “Huwa hafer lil min qatlu. U hekk ghandhom jaghmlu l-bnedmin. Il-mahfra tista’ tberred ir-rabja. Forsi l-wegghat jibqghu hemm imma ghal anqas ir-rabja tittaffa.”

“Dan li ghidt jaghmel hafna sens,” qal anglu student. “Gesu’ ma pattihiex. U anqas ma rrabja man-nies li qatluh.”

“U anke meta kien qed jippriedka fuq il-muntanja, Gesu’ ghallimna li min itik daqqa ta’ harta fuq haddejk ghandek iddawwarlu l-haddejn l-iehor,” wiegeb student iehor.

U Barakjiel ried jigbor fil-qosor il-lezzjoni u qal lilo kolassi ta’ student angli: “ Mela meta l-bnedmin jirrabjaw ghinbuhom isibu ftit tal-hin biex iberrdu r-rabja taghhom u sibu lil xi hadd li joffrilhom biex jismaghhom ghax b’hekk inaqqsu hafna mill-korla.”

Qabez anglu iehor u qal: “ U nitolbu lil Alla li jaghtihom il-grazzja biex l-bnedmin jahfru wiehed lil iehor.”

“Tidhru li fhimtuha tajjeb il-lezzjoni, gheziez studenti,” qal Barakjiel. “Tistghu tkomplu bil-kitba taghkom.”